# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Jannar, 2002**

**Numru 29**

**Citaz. Nru. 1885/01GV**

**Joseph Said Ltd**

**vs**

**John Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut John Scicluna huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf u hames mija u sittin lira u erbgha u sebghin centezmi (Lm24,560.74) arnmont dovut fuq servizz ta' frott konsenjat lill-konvenut.

Premess illi nonostante s-sejha ghall-hlas maghmula mis-socjeta' attrici l-konvenut baqa' inadempjenti.

Premess illi il-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x'jaghti ghall-hlas ta' dan id-debitu ii hu cert likwidu u dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Prevja id-dispensa tas-smiegh ai terrnini tal-Artikolu 167 u Artikoli

sussegwenti tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm24,560.74.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet lil konenut John Scicluna li ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba kif dedotta fic-citazzjoni tirrizulta purvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**